MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 718/2005/1

**Raymond Azzopardi**

**vs**

**Francis *sive* Frans Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Dicembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu, l-attur talab lill-konvenut ihallas is-somma ta’ seba’ mija u erbghin lira Maltin (Lm 740), rapprezentanti prezz parti minn somma akbar ta’ ammont ta’ tigieg mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk il-konvenuut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva illi t-talba ta` l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kollha kontra tieghu stante illi t-tigieg minnu mibjugha u kkonsenjati lill-eccipjent kienu fil-parti l-kbira taghhom morda u mhux tal-kwalita' pattwita u l-eccipjent sofra danni ngenti bil-konsegwenza ta' dan il-fatt.

Illi t-talba ta` l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa qarraq u nganna bl-eccipjent ghaliex kien jaf illi t-tigieg minnu mibjugha u kkonsenjati lill-eccipjent kienu morda u ghalhekk il-kunsens ta` l-eccipjent ghall-kuntratt ta' komprovendita' in kwistjoni gie karpit b'ingann.

Illi konsegwentement ukoll, f'dawn ic-cirkostanzi, it-talba ta` l-attur ghandha tigi respinta anke fuq l-iskorta tal-principju *'fraus omnia corrumpit'.*

Illi dan l-Onorabbli Tribunal huwa marbut mhux biss bl-ispirtu izda anke bil-vot tal-ligi illi jiddeciedi mhux biss b'gustizzja izda anke bl-ekwita' u certament illi ma jkunx ekwu u gust illi l-eccipjent jigi kkundannat li jhallas ghall-merca marida u hazina lilu mibjugha b'ingann.

Illi l-eccipjent qed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri biex iressaq il-kontro-talba tieghu.

Il-konvenut rikonvenzjonanti qieghed jikkontesta t-talba li qed issir kontra tieghu. In oltre, huwa qed iressaq din il-kontro-talba u jitlob lil dan it-Tribunal biex jikkundanna lill-attur ihallas s-somma ta' Lm 1,450 ghad-danni minnu sofferti ghar-ragunijiet spjegati fir-risposta.

Illi l-attur rikonvenzjonat issolleva illi l-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt

u dana peress illi t-tigieg mibjugha kienu ta' kwalita' tajba kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni u fin-nuqqas ghas-sentenza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati f'din il-kawza.

Ra u sema` x-xhieda ta' Raymond Azzopardi, Jeffrey Gauci, Mario Fenech, Charles Falzon, Francis Azzopardi kif ukoll ix-xhieda bl-affidavits ta' Mario Azzopardi, Keith Azzopardi, Stefan Azzopardi, Miriam Cortis, Franklin Azzopardi u Clinton Azzopardi.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' konsenji tigieg li skond il-konvenut ma kellux ihallas peress illi kienu morda u mhux tal-kwalita' pattwita. Illi inoltre giet intavolata kontro-talba fl-ammont ta' Lm 1,450 li giet kontestata peress illi t-tigieg li gew mibjughha lill-konvenut rikonvenzjonanti kienu ta' kwalita' tajba.

Illi l-attur xehed illi l-konvenut kien jixtri tigieg minghandu regolarment. Illi l-attur ipprezenta '*invoices'* li kien hareg f'Jannar ta` l-2002 u f'Mejju, ta` l-2002. Illi fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm is-somma hija nqas minn dik indikata fl-*invoices*, l-*invoices* jindikaw prezz parti minn somma ikbar ta' ammont ta' tigieg.

Illi skond ix-xhieda ta' Jeffrey Gauci, haddiem li kien jahdem ma` l-attur qal illi f'sena u nofs li kien hadem ma` l-attur qatt ma kien hemm ilment dwar it-tigieg mill-konvenut. Mario Fenech, haddiem ma` l-attur xehed illi huma kkonsenjaw lill-konvenut kwantita' ta' tigieg. Hu jiftakar okkazzjoni

wahda biss li l-konvenut kien ilmenta li t-tigieg ma kienux tajbin. Zied jghid illi fl-istess zmien gew mibjugha tigieg mill-istess trobbija lil terzi u ma kellhomx ilmenti.

Il-konvenut xehed illi t-tigieg li kien kkonsenjalu l-attur gew ikkonsenjati fuq insistenza ta` l-attur u li t-tigieg kienu morda. Il-konvenut ezebixxa ritratti ta' tigieg li allegatament kienu t-tigieg ta` l-attur u li fil-fehma tieghu kienu morda.

Il-konvenut qatt ma gab tabib ta` l-annimali sabiex jaccerta li kienu fil-fatt morda. Huwa spjega kif ma setax ibieghhom u jekk ipprova jbieghhom it-tigieg gew ritornati.

Illi l-konvenut ipprezenta hames xhieda bl-affidavit tal-hames wild tal-konvenut, li sostnew il-verzjoni ta' missierhom, kif ukoll l-affidavit ta' Miriam Cortis li kienet tahdem ma` l-konvenut u li kienet ukoll tigi minnu. Hi kkonfermat illi xoghlha kien li toqtol it-tigieg u li dawk it-tigieg li gew minghand l-attur kienu morda.

Sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta dwar il-vertenza ta' din il-kawza t-Tribunal ha jkollu joqghod fuq ix-xhieda pprezentata quddiemu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-attur ghamel talba ghal hlas ta' konsenja tigieg. Il-konvenut ikkontesta din it-talba mhux ghax il-konsenja ma saritx izda ghaliex il-konsenja ma kienetx ta' kwalita' pattwita. Fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut kellu jipprova li fil-fatt il-konsenji kollha ta' tigieg maghmula mill-konvenut kienu morda.

It-Tribunal jidhirlu illi l-attur ipprova l-kaz tieghu izda l-konvenut, meta il-konvenut f'din il-kawza allega li l-konsenja mibjugha lilu ma kienetx ta' kwalita' pattwita u sahansitra qal illi t-tigieg kienu morda, kellu jgib provi konvincenti illi fil-fatt dawn il-konsenji kienu kollha morda. Il-konvenut naqas

milli jipproduci certifikat minn Tabib ta` l-annimali, sahansitra deherlu li ma kellux bzonn jibghat ghal Tabib minkejja l-fatt illi dawn it-tigieg mibjugha lilu kienu f’kundizzjoni daqshekk hazina u lanqas deherlu li ghandu jirritorna dawn it-tigieg morda lil min bieghlu dan il-prodott.

Il-konvenut, ghazel li jipproduci bhala xhieda fid-difiza tieghu xhieda bl-affidavit tal-hames subien tieghu u xhieda ta’ ex impjegata tieghu li tigi l-kugina tieghu u li kollha sostnew dak li kien intqal mill-konvenut.

Illi t-Tribunal m’huwiex konvint illi dak li ntqal mill-konvenut dwar it-tigieg morda huwa kollu minnu. Illi jista’ jkun illi kwantita’ ta’ tigieg setghu kienu morda izda t-Tribunal m’huwiex konvint illi t-tigieg konsenjati li jammontaw ghal 1,700 kienu kollha morda.

It-Tribunal jinnota illi dawn it-tigieg morda qatt ma gew ritornati lura jew kien hemm xi ilment dirett ma` l-attur. Il-konvenut lanqas ma deherlu jibghat ghal Tabib sabiex jiccertifikalu l-mard tat-tigieg.

Il-konsenja ta` l-attur hija konsenja pjuttost kbira u t-Tribunal huwa konvint illi jekk it-tigieg ikkonsenjati kienu kollha morda kif sostna l-konvenut, huwa kien jagixxi mod iehor dak iz-zmien.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjoni tal-konvenut m’hijiex konvincenti.

Dwar il-kontro-talba, t-Tribunal huwa tal-fehma illi d-danni fl-ammont mitluba ma gewx ippruvati mill-konvenut rikonvenzjonanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta` l-attur u jikkundanna l-konvenut ihallas fis-somma ta’ seba’ mija u erbghin lira Maltin (Lm 740).

Spejjez a karigu tal-konvenut.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex jikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal. Huwa jissottometti illi l-versjoni tieghu kellha titqies konvincenti ghax kienet sorretta minn xhieda inkontraddetta. Skond l-appellanti, dan anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u bil-metru ta’ l-ekwita`;

Jibda biex jinghad in linea ta’ principju generali riferibilment ghall-valutazzjoni tal-provi, illi fir-ricerka formattiva tal-konvinciment tal-gudikant ma tezisti ebda gerarkija ta’ l-effikacja tal-provi. Hekk il-gudikant hu liberu li jqis, mill-elementi varji tal-provi processwalment akkwiziti, dik il-prova jew provi li huwa jidhirlu sufficjenti ghall-konvinciment u gudizzju tieghu, li jaghti affidament lil certa xhieda invece ta’ ohrajn, u li jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu fonti ta’ prova ad eskluzjoni ta’ ohra. F’dan l-ezercizzju l-gudikant hu limitat biss mill-obbligu procedurali li jaghti r-raguni ghall-konvinciment tieghu. F’dan il-kaz fuq il-paragun tal-versjonijiet li sar minnu, u bl-adoperu tac-certezza morali tal-verita tal-fatti, it-Tribunal deherlu li x-xhieda ta’ l-attur kienet aktar verosimili u attendibbli minn dik tal-konvenut appellanti;

L-appellanti jikkwerela dan il-gudizzju u jikkontendi dan li gej:-

(1) Ix-xhieda tieghu u l-Affidavit tal-hames uliedu u ta’ l-ex-impjegata tieghu Miriam Cortis kellhom jibbastaw biex isostnu l-assunt tieghu illi t-tigieg suppliti lilu mill-attur kienu tabilhaqq morda. Ma’ dan izid jissottometti illi n-nuqqas ta’ produzzjoni ta’ certifikat veterinarju ma kellux jinnewtralizza dik il-prova inkontraddetta tieghu dwar l-istat inidoneju tat-tigieg komprati;

(2) L-attur adopera ingann fil-konfront tieghu meta qabad u gablu konsenja ta’ tigieg fi kwantita kbira ad insaputa tieghu. F’dan il-kuntest jissuggerixxi illi l-attur

ghamel dan ghax kien jaf li t-tigieg kienu morda u ried jehles minnhom;

(3) Fuq bazi ta’ ekwita ma huwiex gust illi hu mhux biss ma jigix rizarcit id-danni pretizi bil-kontro-talba tieghu izda li sahansitra jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma reklamata;

Premess dan, huwa importanti hafna li jigi notat illi l-konvenut appellanti ghazel li jirrezisti t-talba ta’ l-attur fil-konfront tieghu b’dawn id-difizi, u cjoe:

(i) in-nuqqas tal-kwalita pattwita;

(ii) il-qerq mill-attur.

In bazi ghal dawn huwa ghadda biex jirreklama d-danni proprji minnu allegatament subiti;

Fuq l-ewwel difiza huwa konkordament pacifiku illi obbligu primarju ta’ kull venditur hu dak li jikkonsenja oggett adatt ghall-fini tax-xiri tieghu u, fejn ikun il-kaz, skond il-kwalita li l-partijiet ikunu hekk ftehmu. L-appellanti f’dan il-kaz jippretendi li l-attur, *qua* venditur, naqas minn din l-obbligazzjoni in kwantu, skond hu, it-tigieg kienu morda. Huwa jiddezumi dan mill-fatt illi kien innota li c-cana fejn kienu dawn it-tigieg fir-razzett tieghu kienet imxarrba, li fil-process tal-qatla taghhom bdiet tohrog hafna intiena u, wkoll wara xi sieghat fil-friza lahamhom beda jiswied;

Kif inhu sew maghruf, ix-xerrej ghandu f’qaghda bhal din id-dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-ftehim meta l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim. Skond certa gurisprudenza, dan avolja jkun irceva l-oggett tal-bejgh. B’danakollu, din l-istess gurisprudenza ma naqsetx milli zzid b’kawtela illi tali dritt jibqa’ jissussisti “*se non perduto per fatto e volonta` propria od altro disposto di legge*”. Ara “**Banchiere Giuseppe Scicluna -vs- Andrea Fenech**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 10 ta’ Lulju 1888 u “**Direttur ta’ l-Agrikoltura u Sajd -vs- Henry Attard *et nomine***”, Appell, 21 ta’ April, 1997;

Issokta jigi spjegat illi biex jezercita dak ir-rimedju fit-termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili il-kompratur m'ghandux, u ma jistax,bl-azzjoni tieghu stess jippregudika tali dritt. "Ir-rifjut ta' l-oggett u t-talba ghall-hlas ta' danni jimportaw li l-oggett mibjugh jigi ritornat lill-venditur, nehhi f'dawk il-kazijiet eccezzjonali fejn dan ikun fizikament impossibbli. Certament il-kompratur ma jistax jirrifjuta l-oggett filwaqt li jibqa' jzommu taht il-kontroll tieghu, jaghmel uzu minnu u forsi anke, kif hu allegat f'dan il-kaz, jiddisponi minnu" ("**Nazzareno Cauchi *et nomine* -vs- Joseph Baldacchino *et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997). Gja nofs seklu qabel din is-sentenza kien inghad illi x-xerrej li ma jkunx irid jaccetta l-merkanzija ma jistax izommha ghandu u meta jigi mharrek ghall-pagament jippretendi li jirritornaha lill-venditur billi jallega li l-merkanzija mhix ta' kwalita tajba. Ara "**Neg. Frank Borg -vs- Paul Bondin**", Appell Kummercjali, 30 ta' Gunju, 1947;

Dejjem in tema nghad ukoll illi "wiehed mill-principji li jirregolaw il-materja meta l-merkanzija tkun baqghet f'idejn ix-xerrej, li ma jkunx ikkura ruhu li jiddepozitaha, hu li ebda reklam ma jista' jsir jekk mhux *res adhuc integra*". Ara "**Lorenzo Buttigieg -vs- Henry Hirst *nomine***", Appell Civili, 16 ta' Frar, 1945, "**Carmel Bajada *et nomine* -vs- Alfred Salomone *nomine***", Appell Civili, 23 ta' Mejju, 1960 u "**William Rizzo *nomine* -vs- Victor Zammit**", Appell, 15 ta' Dicembru, 1997;

Tradott dan kollu li nghad ghal fattispeci ma jistax jinghad li r-reklam da parti ta' l-appellanti qieghed isir *res adhuc integra*, kemm minhabba l-fatt tat-trapass taz-zmien kemm ghal raguni illi t-tigieg, anke ghal fatt ta' l-allegat decess taghhom jew tal-qatla taghhom ghal skop ta' bejgh, ma baqghux integri. Barra minn dan, l-appellanti zamm it-tigieg ghandu u mhux biss naqas milli jirritornahom lura, jew ghallanqas jiddepozitahom, talli, kif iddikjarat mix-xhud Miriam Cortis (fol. 56) il-konvenut biegh "il-ftit tigieg li salvajna". Hekk ukoll, it-tigieg jew numru impreciz taghhom ma baqghux disponibbli. Minn

din l-ottika d-difiza tan-nuqqas tal-kwalita` pattwita ma tistax titqies sostenibbli;

Issa bid-difiza l-ohra tieghu l-appellanti htieglu jiddemostra l-estremi tal-qerq u ta' l-ingann li hu jattribwixxi lill-attur appellanti. Dan ghaliex il-qerq jew frodi ma hu qatt prezunt u jrid jigi pruvat minn min jallegah. Li jfisser, li l-appellanti htieglu jipprova li l-attur uza *scienter* raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi. Ara "**Joseph Mifsud *nomine* -vs- Paul Tanti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar, 1965 u "**Giovanni Farrugia Gay -vs- Emmanuele Farrugia Gay**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju, 1921;

Frankament, din il-Qorti ma tistax tara fid-deduzzjoni ta' l-appellanti ebda element gravi ta' ingann. Ibda biex, meta l-attur halla l-konsenja tat-tigieg fir-razzett ta' l-appellanti dan sar fil-prezenza ta' Keith u ta' Franklin Azzopardi, ulied l-istess appellanti. Ara Affidavit taghhom a fol. 44 u fol. 58. Anzi kienu huma stess li ghenuh ihotthom mill-vann. Jekk, imbaghad, meta l-appellanti ra t-tigieg fir-razzett tieghu u kien allertat mill-fatt illi, kif iddikjarat minn Keith Azzopardi, dawn ma dehrux sbieh u msemmna, l-anqas li kellu jaghmel kien li jirritornahom lura lill-attur u mhux izommhom ghandu biex, zmien wara, ghall-insistenza tal-hlas taghhom mill-attur, jinvoka l-ingann. Dan la hu accettabbli u wisq anqas lecitu;

Lanqas, del resto, wara tant zmien mill-konsenja, kienet x'kienet il-prova li avvanza *a posteriori* l-appellanti dwar il-kondizzjoni tat-tigieg fiz-zmien tal-konsenja, ma jista' jkun lecitu illi t-Tribunal, jew issa din il-Qorti, jaccettaw fl-ghama illi l-kawza tal-hsara allegata kienet dik fornita mill-appellant. Huwa veru li l-prova tista' ssir b'kull mezz rikonoxxut mid-dritt probatorju. Daqstant iehor pero hu veru wkoll illi l-kawtela, dettata mill-kanoni tal-prudenza, kellha tissuggerixxi lill-appellanti illi la kellu sospett li t-tigieg kienu morda, dawn, ghallanqas, jigu ezaminati minn espert veterinarju. Mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra aktar milli dovut fuq dan il-punt, anke ghaliex ma ssibx fl-argomenti

lilha sottomessi, is-serjeta biex twarrab is-sentenza tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi kollha superjorment dedotti l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------